MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Numru 313/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**
**Spettur Jesmond J. Borg**

v

**STEPHANIE ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **STEPHANIE ZAMMIT** ta' tnejn w ghoxrin sena bint Peter Zammit u Alfrida nee Farrugia, imwielda Pieta nhar t-tnax ta' Marzu 1984 u residenti 'Moonshadow', Triq Santa Margerita, Siggiewi, detentrici tal-karta tal-identita numru 157884M giet imressqa quddiemha akkuzata talli fis-Siggiewi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2005, ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar, flimkien ma persuna ohra, bil-hsieb li taghmel delitt u cioe serq mill-fond maghruf bl-isem 'Modern

Store', siwat fi Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi, Siggiewi, wriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat tibdi ghal esekuzzjopi ta'dan d-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghha u li kieku gie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jiskorri l-mitt lira izda inqas minn elf lira maltin u dan ghad-detriment ta' Lawrence Zammit minn Haz Zebbug.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta' April 2006, sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputata din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputata u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputata wiegbet li hija hatja din l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid terga lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputata, l-Qorti tiddikjara li qed issibha hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputata ikkoperat bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha.

Ikkunsidrat is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputata sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-ewwel opportunita li giet moghtija lilha u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputata minn fejn jirrizulta li l-imputata m'ghandha ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandha tigi trattata bhalikieku hija *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputata mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz kif ivverbalizzat mill-istess Prosekuzzjoni; u

4. li s-socjeta ma sofriet ebda danni materjali.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 261(b)(d), 263, 267, 279 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddecidi li ssib lill-imputata STEPHANIE ZAMMIT hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha fuq ammissjoni taghha stess u tiddecidi li tpoggiha taht ordni ta' probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe dak ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta taht s-segwenti kundizzjonijiet:**
**1. L-imputata probationer Stephanie Zammit ghandha, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett [3] snin, iggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser tigi nominata mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal thoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputata probationer Stephanie Zammit ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominata skond d-direttivi li din taghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment, hija ghandha, jekk l-istess Probation Officer tkun trid hekk, tircievi zjarat min ghandha fid-dar fejn qed tirrisjedi;**

**3. Illi l-imputata probationer Stephanie Zammit ghandha tghix fir-residenza taghha tul l-perjodu kollu ta' tlett [3] snin u tkun tista tbiddel tali**

**indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputata probationer Stephanie Zammit ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominata kull sitt [6] xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputata probationer;**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputata probation u x'jigri jekk tonqos li tosservaha u l-imputata ddikjarat li fehmet ben tajjeb.

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------